# Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Giovanni M Grixti LL.M., LL.D

Appell Nru. 400/2017

**Il-Pulizija**

**vs**

**Kevin Farrugia**

Seduta tas-26 t'April, 2018

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-appellant, Kevin Farrugia, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 543579M quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli ghax-xhur ta' Dicembru 2016 u minn Jannar sa Marzu 2017 f'dawn il-Gzejjer b'diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti, kisru l-istess disposizzjoni tal-ligi u gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, dawn l-atti jitqiesu bhala reat wiehed imsejjah reat kontinwat, naqas li jaghti lil Elisa Saydon, is-somma ta' €400.00 fix-xahar, ffissata minn dik il-Qorti jew stipulata fil-kuntratt bhala manteniment ghal uliedu u/jew martu, fi zmien hmistax-il jum minn dak il-jum li fih, skond l-ordni jew dak il-kuntratt kellha tithallas is-somma;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tad-9 ta' Ottubru, 2017 li biha fuq ammissjoni sabet lill-imputat hati w ikkundannatu ghal xahrejn prigunerija;

Rat ir-rikors ta' Kevin Farrugia, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fis-17 ta' Ottubru, 2017, li permezz tieghu talab lil din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi filwaqt li tikkonfermaha f'dik il-parti li fiha sabitu hati, tibdel u tvarja dik il-parti dwar il-piena inflitta ghal wahda aktar lievi u dan skond dawk il-provvedimenti li l-Qorti jidrilha xierqa u opportuni;

Rat l-aggravji tal-appellant;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;

Ikkunsidrat:

1. Illi dan huwa appell limitat ghall-piena erogata mill-ewwel Qorti bil-gravami illi s-sanzjoni hekk kominata hija wahda kiefra li ser ikollha effett sia fuq l-introjtu tal-appellant kif ukoll li ser tqieghdu fl-impossibilita' li jivversa kwalsiasi ammont dovut bhala manteniment;
2. Illi qabel kull konsiderazzjoni ohra, din il-Qorti tfakkar il-principju ormai stabbilit u wisq drabi mtenni, illi bhala Qorti tal-Appell Kriminali, ma huwiex normali li tiddisturba jew tirrimpjazza d-diskrezzjoni tal-ewwel Qorti fil-kominazzjoni tal-piena sakemm din tkun fil-parametri tal-ligi u ma jkunx hemm xejn x'jiddimostra li dik il-piena kellha tkun aktar jew anqas minn dik fil-fatt erogata.

3. Issa, ezaminati l-atti processwali, jemergi *in primis*, illi l-appellant ammetta minnufih ghall-imputazzjoni migjuba kontra tieghu. Mill-affidavit tas-Surgent 1434 in atti, l-appellant, wara li kien irrinunzja ghad-dritt li jkun assistit minn avukat, ddikjara mieghu illi ma kienx jaf bid-digriet tal-Qorti li stabiliet il-manteniment mertu tal-kawza u li l-introjtu tieghu kien ta' €900 fix-xahar u konsegwentement ma setghax ihallas aktar minn €200 fix-xahar. Fir-rikors tal-appell tieghu, l-appellant jghid illi kien intavola rikors quddiem il-Qorti kompetenti sabiex l-ammont ta' manteniment ikun ridott u dik kienet milqugha in parti. Fl-udjenza tal-5 ta' Frar, 2018, jigifieri wara differiment mill-15 ta' Jannar 2018 u dak ta' qablu fil-11 ta' Dicembru 2017 minhabba li l-appellant ma kienx assistit, l-kwerelanta iddikjarat illi kienet irceviet biss is-somma ta' €150. L-appell imbaghad thalla ghas-sentenza ghal-lum, igifieri aktar minn xaharejn wara bl-isperanza li jkun registrat xi progress f'dan l-impass izda s-sitwazzjoni baqghet kif kienet;

4. Illi kunsiderat l-assjem kollu, tajjeb l-ewwel li jkun imfakkar illi ma huwiex xi dritt awtomatiku illi meta jkun hemm ammissjoni ghandu jkun hemm xi forma ta' riduzzjoni fil-piena. Inoltre, l-appellant huwa obligat li jhallas manteniment minn Dicembru tas-sena 2016 li ghad-dati indikati fl-imputazzjoni jammontaw ghall-€1600 ghat-trobbija ta'bintu. Minkejja illi jahdem, u li ddikjara li jista' jhallas €200 fix-xahar, minkejja id-differimenti li inghataw minn din il-Qorti, ghadu hallas biss is-somma ta' €150. Ghalhekk il-Qorti ma tistghax tikkontempla riduzzjoni fil-piena meta huwa l-appellant stess li gab fuqu din is-sitwazzjoni;

5. Ghal dawn il-motivi l-appell qed ikun michud